# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru,2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1324/00mm**

**J.M. Supplies Company Limited**

**vs**

**Europrint Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fil-25 ta' Settembru 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa mija disgha u disghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm999.99c) rapprezentanti bilanc ta' prezz akbar ta' "office stationery/equipment" mibjugha u kkonsenjati lilhom mis-socjeta' attrici kif ukoll l-imghaxijiet mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-hlas effettiv kif jidhru fl-anness prospett immarkat bhala "Dok A".

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju 2000 ("Dok B"), kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u dan peress li s-socjeta' konvenuta ma hijiex debitrici tal-attrici fis-somma mitluba billi l-istess kumpanija attrici ghandha taghti lill-eccipjenti somma ta' flus rappresentanti imghaxijiet fuq krediti precedentement koncessi lill-kumpanija attrici u dan kif ser jintwera tul is-smiegh tal-kawza;

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess kumpanija attrici;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi bejn is-socjetajiet kien hemm relazzjoni kummercjali hajja, pero' sar ftehim fit-28 ta' Dicembru 1999 fejn is-socjeta' Multicom Limited kienet assumiet xi debiti ta' Europrint Limited u dana kien parti minn negozjati tal-bejgh tal-

Europrint Limited lill-kumpanija Giovanni Muscat. Sar ftehim pero' li s-socjeta' konvenuta Europrint tibqa' debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf lira (Lm1000.00). Dana jidher mid-dokument a fol 28 tal-process fejn id-diretturi tas-socjetajiet iddikkjaraw li elf lira (Lm1000.00) ghadhom dovuti lill-J M Supplies mill-Europrint.

Id-Diretturi tas-socjeta' Europrint Noel Azzopardi u Joseph Pace spjegaw id-dettalji ta' dan il-ftehim u kif waslu sabiex jiggustifikaw din l-elf lira (Lm1000.00) dovuta lis-socjeta' attrici. Minkejja li din il-kawza giet differita specifikament ghall-provi tas-socjeta' konvenuta, r-rappresentant ta' din is-socjeta' baqa ma deherx u ghalhekk il-Qorti kellha tghaddi ghas-sentenza fuq ix-xhieda biss tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici. Il-Qorti jidrilha illi dina hija bizzejjed sabiex tiggustifika l-pretenzjonijiet ta' l-istess socjeta', pero' trid tirrileva li fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha s-socjeta' konvenuta qieghdha teccepixxi forma ta' tpacija peress illi kien hemm xi ammonti dovuti lilha mis-socjeta' attrici.

Il-Qorti ma jidhirliex li dana huwa mod kif ghandha tigi operata t-tpacija fit-termini ta' l-artikolu 1196 [1][2] tal-Kodici Civili u dana peress illi t-tpacija tista ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett inter alia, somma ta' flus li jkunu t-tnejn likwidi u jistghu jittalbu. Jekk parti tikkontesta dan l-ammont ta' flus ma tistax issir tpacija. Dana gie konfermat minn decizzjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet Philip Grima vs Carmel Mamo et fejn inghad car u tond li ma setghetx issir tpacija meta d-dejn allegatament dovut li kienx likwidu u cert u

setgha kien suggett ghall-litigazzjoni bejn il-partijiet. Forsi f'dan l-istadju din il-litigazzjoni ghadha ma waslitx, pero' zgur illi dan id-dejn mhuwiex ammess minn nahha tas-socjeta' attrici u ghalhekk din it-tpacija ma tistax issir. Mill-bqija kif diga nghad is-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha fi grad li trid il-ligi u t-talba taghha timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallasha s-somma ta' disa mija disgha u disghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm999.99c) rapprezentanti bilanc ta' prezz akbar ta' "office stationery/equipment" mibjugha u kkonsenjati lilha mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju 2000 kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg